MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2783/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,
surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Galea u l-istess Emmanuel Galea.**

**vs**

**John Baptist Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sbatax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm217.76) rappresentanti danni sofferti mill-atturi in kwantu ghal Lm67.76 sborsati mis-socjeta attrici, u Lm150 imhallsa mill-attur Emanuel Galea u dana b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara r-Rabat fit-13 ta' April 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LVY

028, habat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAZ108, proprjeta ta'l-attur u misjuqa minn Claudine Galea, ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali b'effett mit-23 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn huwa eccepixxa illi l-incident tat-traffiku mertu tal-kawza ma garax tort u htija tieghu, izda gara unikament tort u htija ta' Claudine Galea, is-sewwieqa tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 108 u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta'  P.S. 177, Anthony Armeni, ta' Claudine Galea, John Baptist Micallef u Rosanne Micallef.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta li huma immarkati bhala Dokumenti AA1 u AA2 u sett ta' tmien dokumenti immarkati bhala Dokumenti CG1 sa CG8 konsistenti fir-ricevuti tal-hsarat subiti fil-vettura ta'l-attur u is-*survey report* relattiv.

Ikkunsidra,

Illi jirrizulta illi l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh fit-Telgha tas-Saqqajja gewwa ir-Rabat fil-parti ta'l-inkrocju lli jiehu min-naha 'l wahda ghad-direzzjoni tas-Siggiewi, u min-naha l-ohra ghal San Pawl il-Bahar. Ghandu jinghad qabel xejn illi l-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet fil-kawza, huma kemmxejn konfliggenti u dana rigward id-dinamika ta'l-istess incident. Hemm ukoll konfliggenza fit-tezi migjuba 'il quddiem mill-konvenut u dana peress illi x-xhieda tieghu ma taqbilx ma' dik ta'

martu li kienet riekba mal-konvenut fil-mument li sehh l-impatt. Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-iskizz maghmul mill-*investigating officer* jixhet dawl fuq dak li sehh realment u li wassal ghal kollizzjoni mertu tal-kawza.

Illi hemm qbil illi iz-zewg sewwieqa kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni u cioe' nezlin it-telgha tas-Saqqajja direzzjoni lejn il-Belt, b'Claudine Galea qed issuq quddiem u l-konvenut warajha. Hemm qbil ukoll illi Claudine Galea kissret sabiex iddur lejn is-Siggiewi meta wasslet f'salib it-toroq, izda is-sewwieqa ma jaqbblux dwar il-posizzjoni li fiha kienet l-vettura misjuqa mill-istess Galea qabel l-impatt.

Galea tishaq illi kif wasslet f'salib it-toroq, hija waqqfet, xeghlet l-*indicator* u hekk kif rat illi ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta, bdiet tikser sabiex iddur ghal got-triq li tiehu lejn is-Siggiewi, maghrufa bhala tal-korsa taz-zwiemel. Hija tghid illi kienet wieqfa ezatt kif hemm indikat fl-iskizz tal-pulizija, esebiet a fol.24 tal-process u cioe' lejn nofs it-triq. Hekk kif hija accertat ruhha li ma kienx gej traffiku mid-direzzjoni l-opposta, u bdiet tikser, il-konvenut issorpassa l-vettura taghha u sehh l-impatt. Hija tikkontendi illi qabel ma kissret ma kenitx ivverifikat jekk kenux gejjin vetturi minn warajha. Tikkontendi ukoll illi il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hija wiesgha u ghalhekk l-konvenut seta' facilment ighaddi minn warajha.

Min-naha tieghu l-konvenut jishaq illi qabel ma sehh l-impatt l-vettura ta' Claudine Galea kienet qed tinsaq lejn in-naha ta' gewwa tat-triq, qiesha qed tigbed lejn id-direzzjoni ghal San Pawl il-Bahar. Hu kien qieghed isuq warajha fuq in-naha ta' barra tat-triq. Kien ghalhekk illi huwa qabizha u hekk kif ghamel dan, Galea kissret ghal go fih. Ighid illi l-ewwel darba li lemah il-vettura ta' Galea, huwa kien qieghed kwazi fil-ponta tat-telgha, ftit iktar 'il fuq mit-Tattingers Discotheque. Huwa sar jaf wara l-incident minghand Galea illi hija kienet bi hsiebha tmur lejn il-Marfa meta f'daqqa wahda ftakkret li kellha tghaddi ghal habiba taghha gewwa is-Siggiewi u kissret malajr. Martu min-naha taghha, li kienet riekba mieghu meta sehh l-impatt, tikkontendi illi Galea kienet wieqfa ghal kollox mal-

genb tat-triq, titkellem fuq il-*mobile phone* taghha, meta hekk kif ghaddew minn hdejha, hija qabbdet u kissret ghal go fihom.

Ikkunsidra,

Illi l-fattispecje tat-triq fejn sehh l-incident huwa piuttost irregolari fis-sens illi it-triq hija piuttost dejqa fil-parti ‘il wieqfa qabel ma iddur lejn ir-Rabat, li tippermetti *single lane traffic* biss, liema triq imbaghad titwessa fl-inkrocju fejn zewg vetturi jistghu ighaddu komodament hdejn xulxin fl-istess karreggjata, biex imbaghad terga tidjieq hekk kif wiehed jaqbez l-imsemmi inkrocju. Linji jew sinjali tat-traffiku fl-art ma hemmx li jistghu jaghtu indikazzjoni lis-sewwieqa specjalment fil-parti ta’l-inkrocju.

Illi ghandu jinghad ghalhekk illi iz-zewg sewwieqa kellhom certu dmirjiet u regoli li riedu josservaw fis-sewqan taghhom f’din il-parti tat-triq. Illi ma hemmx dubbju illi Claudine Galea riedet taghmel manuvra sabiex hija tikser u iddur ghat-triq li tiehu lejn is-Siggiewi. Hija ghalhekk kellha twaqqaf sabiex tesplora it-traffiku li kien gej mid-direzzjoni l-opposta u tixghel l-*indicator* sabiex taghti indikazzjoni lill-utenti l-ohra tat-triq dwar dak li kienet bi hsiebha taghmel. Hekk jidher illi fil-fatt ghamlet l-istess Galea. Madanakollu hija naqqset li tosserva jekk kienx gej traffiku minn warajha. Fuq kollox l-Artikolu 76 tal-Highway Code ighid: “before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror.” Ghandu jinghad illi il-parti tat-triq fejn kienet wieqfa Galea hija piuttiost wiesgha u ghalhekk hija stqarret illi ma haditx din il-prekawzjoni peress illi fil-posizzjoni fejn kienet wieqfa it-traffiku gej minn warajha seta’ facilment ighaddi minn ma’ genbha minghajr ma hija tostakolah.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jichad illi huwa kien qieghed jissorpassa lill-Galea u ighid semplicement illi hija kienet qed issuq quddiemu fuq in-naha ta’ gewwa tat-triq u hu kien qieghed isuq warajha fuq in-naha ta’ barra tat-triq, biex b’hekk jaghti x’jifhem illi it-triq kellha iktar minn

karreggjata wahda. It-Tribunal ftit li xejn jista' jasal biex jemmen din il-verzjoni u dana ghas-segwenti ragunijiet.

1. L-iskizz maghmul mill-pulizija jissostanzja il-verzjoni moghtija minn Galea u dana peress illi jidher car u tond illi l-vettura ta' Galea kienet qieghda f'nofs tat-triq u in parti fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Kieku il-verzjoni tal-konvenut kienet dik reali, l-vettura ta' Galea kienet tkun iktar lejn il-genb tat-triq.
2. Il-verzjoni moghtija minn martu li kienet riekba mieghu fil-mument ta'l-incident ma taqbel xejn ma' dik moghtija minnu ghaliex hija issostni min-naha taghha illi Galea kienet wieqfa ghal kollox fil-genb tat-triq u mhux li kienet qed issuq quddiemhom u lejn il-genb tat-triq kif isostni zewgha. Wiehed jistaqsi liema hija il-verzjoni t-tajba!
3. Illi l-konvenut ighid illi l-ewwel darba li lemah lil Galea huwa kien in-naha ta' fuq tat-triq, iktar 'il fuq mit-Tattingers Discotheque. Ighid illi Galea kienet qed issuq bil-mod hafna, angolata sejra lejn ix-xellug u cioe' lejn San Pawl il-Bahar. Kieku dan kien minnu, huwa kien ikollu il-hin kollu li ried sabiex josserva x'manuvra kienet bi hsiebha taghmel Galea u sabiex jiehu *evasive action*.
4. Lanqas biss osserva jekk Galea kellhiex l-*indicator* mixghul u allura jekk kenitx qieghda taghti indikazzjoni tal-manuvra li riedet taghmel.
5. Illi it-triq fejn sehh l-incident ma hijiex triq li fiha zewg karreggjati kif donnu qieghed jaghti x'jifhem il-konvenut. It-triq fiha karreggjata wahda fuq kull naha taghha, li titwessa fil-parti ta'l-inkrocju u terga tidjieq

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju illi l-konvenut kien qieghed jaghmel manuvra ta' surpass b'dana illi huwa invada il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta. Dana qieghed jinghad ghaliex jekk wiehed ihares lejn l-iskizz tal-pulizija fejn hija stabbilita l-posizzjoni fejn kienet wieqfa il-vettura ta' Galea qabel l-impatt, allura wiehed jista jikkonkludi illi sabiex l-konvenut ighaddi minn hdejn il-vettura ta' Galea huwa bil-fors kellu jinvadi il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta tant illi huwa stess ighid illi wara l-incident mar jipparkeggja fil-genb tat-triq u dana sabiex ma ikunx ta' ostakolu ghat-traffiku fid-direzzjoni lejn ir-Rabat.

Illi ghalhekk jidher illi l-konvenut min-naha tieghu kien ser jaghmel manuvra ta' sorpass fi triq piuttost traffikuza u f'salib it-toroq. F'dawn ic-cirkostanzi il-grad ta' responsabbilta fuqu  kienet wahda kbira, Ghalhekk bla dubbju, l-konvenut ma kienx qieghed izomm l-attenzjoni rikjesta waqt is-sewqan tieghu, tant illi b'konsegwenza ta' din in-negligenza da parti tieghu sehh l-incident u dana meta huwa invada il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta sabiex jissorpassa il-vettura ta' Galea, li kienet wieqfa, lesta sabiex tibiddel id-direzzjoni taghha.

Illi finalment ghandu jinghad illi ghalkemm il-gurisprudenza tal-qrati taghna dejjem sostnew illi sewwieq li ikun ser jikser ghal go *side road* irid jaccerta ruhu li ma ikunx gej traffiku minn warajh fil-mument li huwa ikun ser ibiddel id-direzzjoni tieghu u li jaccerta ruhu fuq kollox illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih, ghandu jinghad illi f'dan il-kaz, peress illi l-fattispecje tat-triq kienet tali illi tippermetti illi it-traffiku gej minn wara jibqa' jiskorri minghajr ebda ostakolu allura dan id-dmir impost fuq Galea jonqos u dana in vista tal-fatt illi fil-posizzjojni fejn waqqfet, hija bl-ebda mod ma kienet  qed tostakola it-traffiku gej minn warajha meta giet biex tbiddel id-direzzjoni taghha.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, ma jidhirx illi qed issir kontestazzjoni u ghalhekk l-ammont mitlub mill-atturi jidher illi huwa gustifikat u kompatibbli man-natura tal-hsarat sofferti fil-vettura ta'l-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jiddikjara lill-konvenut John Baptist Micallef unikament resposnabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, ighaddi sabiex jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sbatax-il lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm217.76), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kapitolu 104 tal-

Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------